A.L. 9 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IL-PORTIJIET
(KAP. 170)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25, 26 u 42 ta' l-Ordinanza dwar il-Portijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 163 ta' l-1975

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-8 ta' Frar, 1990.

Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (2) tar-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ħamsa u għoxrin fil-mija" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u tletin fil-mija".